# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 03

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 30 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 02

3.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

3.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

3.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 3.3 Punti li joħorġu mill-minuti

3.3.1 2.11.3 SPI/SCI/11/2019 – Skema Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' tagħlim '*Life Long Learning*'
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-kunsill applikax għal din l-iskema u jekk għandnix risposta rigward l-applikazzjoni li ġiet sottomessa. Is-Sindku qal li, iva l-kunsill applika pero risposta ma hemmx. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan u qalet li llum ma setax jkolna risposta fuq l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill għaliex kienet dakinhar stess il-ġurnata li tagħlaq id-*deadline* biex il-kunsilli japplikaw.

3.3.2 2.11.26 Tabella fi Triq Carmelo Farrugia
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fiex wasalna rigward l-affarijiet ta' tabelli u sinjali li kellhom jiġu ordnati u jsiru mill-kuntrattur. Hija tat eżempju bit-tabella 'Kun purdenti tipparkjax quddiem il-garaxxijiet tan-nies' li kellha tiġi ordnata biex teħel fi Triq Carmelo Farrugia. Is-Sindku qal li t-tabelli kollha li ġew approvati fil-laqgħa li għaddiet inkluz din ser jiġu ordnati u qed isiru bilmod il-mod. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan u żiedet tgħid ukoll li qabel ma tiġi ordnata kull tip ta' tabella, mera, *road hump* etc mingħand il-kuntrattur, irridu l-ewwel nistennew l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

3.3.3.1 2.11.32 Talba ghall-*sleeping policeman* fi Triq il-Kbira
Is-Sinjorina Farrugia staqsiet ukoll x'ġara mill-*isleeping policeman* li kellha ssir fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li l-kunsill fl-aħħar laqgħa li għaddiet ma approva l-ebda *sleeping policeman* fi triq il-Kbira. Hija qalet li s-sindku kien qal li għandu jlaqqa lir-residenti li għamlu talbiet għal *sleeping policemen* f'dik it-triq, kellu jkellimhom f'daqqa u l-kunsill jimxi minn hemm.

3.3.3.2 Is-Sindku kkonferma dan u qal li din hija waħda mill-erba lmenti li ġew diskussi fil-laqgħa li għaddiet u li baqalu jaħdem fuqhom. Huwa qal li kollha ser idurhom ħa jara x'hemm bżonn isir. Hawnhekk is-Sur Dalli ġab eżempju bl-ilment ta' resident li kien qed jidħollu l-ilma fid-dar u għalhekk talab biex isir *culvert* quddiem id-dar tiegħu fi Triq Ġużeppi Portelli. Is-sindku mar fuq il-post tkellem mar-resident u jikkonferma li dan ir-resident biss għandu problema ta' *flooding* meta tagħmel ix-xita w il-*culvert* vera hemm bżonn li jsir. Il-kunsill approva li jsir dan il-*culvert*.

3.3.4.1 2.11.36 Talba għall-*handrailing* fi Triq Annibale Preca
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk saritx il-*handrailing* fi Triq Annibale Preca. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt l-aħħar laqgħa ma ġie deċiż xejn ħlief li l-kunsill kellu jmur jara fuq il-post.

3.3.4.2 Is-Sindku qal li m'hemmx għalfejn il-kunsill imur fuq il-post għaliex kumbinazzjoni iltaqgħa mar-residenta li għamlet t-talba għal din il-*handrail* fil-laqgħa li saret tat-traffiku fi Triq Annibale Preca. Huwa tkellem magħha dakinhar u qal li din it-talba hija waħda ġenwina għax ir-residenta hija anzjana u l-handrail qed titlobha biex tkun tista iżżom magħha hija u mixja. Din il-*handrail* ġiet approvata mill-kunsill.

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-festa, fejn qal li bhala preparamenti tal-festa jidher li kollox sejjer sew u kwazi lest. Izda jekk jfettilu jinqala xi haga ohra urgenti fl-ahhar minuta huwa nforma lil kunsilliera fejn qalhom li, hu bhala Sindku flimkien b'konsultazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv ser jiehu id-decizjoni li jkun hemm bzonn tittiehed. Minkejja dan is-Sur Dalli qal li l-kunsillieri xorta ser jibqghu jkunu nfurmati (bi email jew telefonata) b'dak li jkun gara u bil-mizuri li jkunu ttiehdu minghajr il-konsultazzjoni taghhom,dan dejjem f'kaz ta' urgenza jew jekk jkun hemm xi accident.

3.4.2 Is-Sindku għamel punt fuq innovazzjoni fejn qal li l-ħsieb tiegħu huwa li dakinhar tal-festa tas-salvatur, fil-ħruġ u fid-dħul, issir *webcam* fuq id-dar tal-kappillan biex tiġbed u tagħti xandira diretta ta' dan l-avveniment, biex tiġi trasmessa fuq il-*website* tal-kunsill. Is-Sur Dalli qal li din il-*webcam* ser tiġi sponsorjata mill-PAMA. Kompla jgħid li min ser ikun inkarigat li jweħħel din il-*camera* ser jieħu ħsieb kollox hu inkluż l-aspett ta' *data protection.*

3.4.3.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat milll-kappillan fejn kelmu fuq il-knisja tal-belliegħa. Hemm bżonn isir restawr urġenti fuq il-Knisja tal-belliegħa u s-sindku qal li rigward dan ser jara jitkellimx ma' ministru biex nakkwistaw xi fondi.

3.4.3.2 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia staqsiet jekk filkas nistgħux napplikaw għal fondi fuq din il-knisja b'permezz tal-iskema tar-restawr ta' statwi/monumenti. Is-Segretarju Eżekuttiv minnufih qalet li dan mhux possibbli u knejjes mhumiex inklużi f'din l-iskema u għalhekk ma jistax isir restawr fuqhom.

3.4.4 Is-Sur Dalli ressaq talba mingħand il-kumitat festi esterni u l-kappillan biex waqt il-purċissjoni , x'ħin jgħaddi is-Salvatur minn quddiem il-kunsill, jiġi offrut *drink* lir-reffiegħa, kleru etc. Is-Sur Dalli qal li ser jieħu ħsieb kollox hu personali ta' dan anke tal-ispejjes. Huwa ndirizza lil Kunsilliera u qalhom li min jixtieq li dak il-ħin jgħinu biss bid-*drinks* jista jagħmel dan.

3.4.5 Lis-Sindku avviċinatu wkoll persuna fejn talbitu biex ikun preżenti għand l-enemalta għax ser jitkelmu rigward kif jistgħu jdawlu aħjar il-pjazza tar-raħal. Is-sur Dalli qal li din l-ispiza ser tkun offruta b'xejn. Huwa bħala sindku ser jattendi għal din il-laqgħa u naturalment dak li jiġi diskuss waqt din il-laqgħa ser jippreżentah waqt seduta tal-kunsill darboħra. Huwa qal li bħala kunsill ser ikunu jridu jiddeċiedu flimkien rigward xi jrid isir bħala tibdil ta' bozoz u ċaqliq ta' arbli li jkunu ġew proposti li jsiru minn Enemalta.

3.4.6.1 Punt ieħor li semma is-Sindku huwa il-bżonn biex issir laqgħa mar-residenti ta' l-area ta' Senna. Is-Sindku qal li l-*bollards* li kien hemm fi nofs tat-Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Agostino Portelli tneħħew u n-nies li jgħixu f'din l-*area* tgħidx kemm ħadu pjaċir.

3.4.6.2 Il-Kunsillier Joseph Zahra qal li kien ser isemmih dan il-punt tal-*bollards* għaliex mhux kulħadd huwa kuntent li tneħħew. Hemm xi nies li ma xtaqux li jitneħħew il-bollards minn Triq il-Mosta għaliex issa reġgħa hemm periklu qawwi u ċans li jsiru aċċidenti meta jaqsmu il-karozzi huma u deħlin/ħerġin minn Triq Agostino Portelli. Is-Sindku u l-*minority leader* qalu li minn għandu din il-biża issa li tneħħew il-*bollards* ma jfissirx li huwa kostrett jaqsam minn naħa għall-oħra u xorta għandu l-għażla jekk irid li jdur maċ-ċimiterju bħal meta kien hemm il-*bollards*. Is-Sur Zahra qal li kien hemm anke residenti li ssuġġerew li jsiru *traffic lights*.

3.4.6.3 Is-Sindku qal li din il-laqgħa mar-residenti tal-*area* ta' Senna tista ssir lejn l-aħħar ta' Awwissu jew bidu ta' Settembru. Il-Kunsill qabel rigward dan pero ma kienx hemm qbil fuq data partikulari. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif il-kunsill kollu jaqbel fuq data partikulari biex issir din il-laqgħa, jkun jista umbagħad jiġi ppreparat avviż biex jitqassam fid-djar tar-residenti kkonċernati.

3.4.7 Is-Sindku ta update rigward l-oġġezzjonijiet li saru fuq PA 5079/19 fi Triq il-Forn u Triq id-Dejqa. Huwa qal li l-bieraħ 29 ta' Lulju, 2019 mar l-awtorita tal-ippjanar bi 132 oġġezzjoni li rċieva l-kunsill mingħand ir-residenti. Il-Kunsill għadhu qed jirċievi l-kumplament tal- oġġezzjonijiet fuq dan il-PA u s-Sindku ser jerġa jmur b'dawn l-oġġezzjonijiet l-awtorita tal-ippjanar, nhar il-Ħamis li ġej.

3.4.8.1 Is-Sur Dalli anke qal li qed jitlob lil greenpak biex fiż-żmien tal-festa jipprovdu lil kunsill żewġ settijiet ta' bins li bihom jista jiġi sseparat l-iskart kollu li jista jintrema. L-idea tiegħu hija li dawn il-bins jitpoġġew fil-ġnub tal-pjazza. Risposta mingħand greenpak għadt m'hemmx pero greenpak ser jiprova jgħin lil kunsill mill-aħjar.

## 3.5 Korrispondenza

3.5.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda rapport fuq korrispondenza li fih hemm inkluż imejls li jirċievi l-kunsill bejn laqgħa u oħra.

3.5.2 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija fuq korrispondenza nru 1385/19 rigward Sqaq ta Sejduna u Triq Annibale Preca sqaq nru 2, Ħal Lija. Hija staqsiet fuq xiex kienet titratta din il-korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik kienet korrispondenza bejn il-kunsill hu l-*electoral office* biex malajr kemm jista jkun jippubblikaw l-isem tal-isqaq nru 2 fi Triq Annibale Preca fil-gazzetta tal-gvern. L-isem ta' dan l-isqaq għandu jkun uffiċċjlament approvat mill-uffiċċju tal-piministru fil-jiem li ġejjien u kif isir dan il-kunsilll għandu jordna plakka bl-isem tal-isqaq.

3.5.3 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza nru 1391/19 li kienet titratta fuq il-*European week for waste reduction*. Huwa qal li din ser ikun qed jieħu ħsieba u bħala kunsill ser nipparteċipaw fiha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija nfatti kkomunikat ma' wasteserv fejn qaltilhom li l-kunsill ta'Ħal Lija ser japplika għal din l-inizjattiva peress li il-kunsill approva li jsir hekk fis-seduta nru 2. Applikazzjonijiet tal-*European week for waste reduction* jiftħu fi Settembru.

3.5.4.1 Il-Kunsillier Calcedoni Cini għamel mistoqsija fuq korrispondenza nru 1396/19 bl-isem Triq il-Knisja Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dik kienet email mibgħutha mill-kunsill lil greenpak fuq ilment li ma nġabarx il-ħġieġ fl-ewwel tax-xahar minn Triq il-Knisja.

3.5.4.2 Il-*Minority Leader* għamlet suġġeriment biex forsi tal-ħġieġ jiġi darbtejn fix-xahar u mhux darba. Is-Sindku qal li f'Ħal Lija ma tantx jinġabar ammont kbir ta' ħġieġ. Pero jekk filkas is-Sur Dalli ssuġġerixxa biex insaqsu lil greenpak jtina rapport/statistika ta' kemm jinġabar ħġieġ fix-xahar u b'hekk naraw jekk hemmx bżonn li ssir aktar minn ġabra waħda tal-ħġieġ fix-xahar.

3.5.4.3 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia ssuġġeriet ukoll jekk forsi nistgħux nitolbu li jsir kontenitur tal-ħġieġ fi Triq Annibale Preca biswit il-kontenitur tal-ħwejjeġ. Is-Sindku qal li l-kunsill dejjem għandu jagħmel dak kollox li hemm bżonn biex ikun hemm aktar kumdita għan-nies, pero huwa qal ukoll li kontenituri tal-iskart iġibu magħhom ħafna ħmieġ għax in-nies jibdew jitfaw iż-żibel mal-art fejn il-kontenituri. Għalhekk is-sindku baqa jsostni li l-aħjar l-ewwel nġibu statistika mingħand greenpak ta' kemm jinġabar ħġieġ fix-xahar u nimxu minn hemm. Il-Kunsill qabel rigward dan.

3.5.5 Il-Viċi Sindku għamel referenza għall-korrispondenza nru 1448/19 bl-isem laqgħa storbju. Is-sindku qallu li dik l-*email* tittratta rigward laqgħa li qed tiġi mħejjieja mill-KL Attard u li huwa kellu jattendi bħala sindku. F'din il-laqgha kellhom jiddiskutu rigward kif ser jikkontrollaw l-istorbju li qed isir minn diversi stabbilimenti ta' divertiment u li qed jikreaw inkonvenjenza għar-residenti.

3.5.6 Il-Kunsillier Calcedonio Cini għamel referenza għall-korrispondenza nru 1458/19 li kienet titratta rigward rapport mibgħut lil WSC fuq ilma ħiereġ fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sur Cini qal li huwa ilu żmien li ġiebed l-attenzjoni tal-kunsill rigward dan l-ilment u minkejja li jaf li l-kunsill għamel diversi rapporti ma' WSC, l-ilma xorta għadhu ħiereġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa tkellem lil WSC u tagħmel *follow up* fuq dan l-ilment u jekk jibqa ma jsirx xejn is-Sindku għandu jkellem lil *foreman* tal-WSC.

3.5.7 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia għamlet referenza għall- korrispondenza nru 1450/19 li l-kunsill irċieva mingħand resident fi Triq Sant Andrija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-laqgħa li għaddiet resident kien għamel talba biex jagħmel żewġ *bollards* quddiem il-bieb tiegħu fi Triq Sant Andrija. Il-Kunsill kien approva din it-talba diment li dawn il-*bollards* isiru fuq it-tarġa tal-bieb għall-ispejjes tar-resident. B'Permezz tal-korrispondenza 1450/19 il-Kunsill kien informa lir-resident b'dan.

3.5.8 Il-*Minority Leader* għamlet referenza għall-korrispondenza nru 1452/19 li saret minn resident fuq problema ta' żibel fl-*area* ta' Senna. Is-Sindku qal li dan l-ilment qed jieħu ħsiebu personali huwa fejn iltaqgħa ma dan ir-resident u tkellem miegħu rigward il-problemi ta' żibel li qed jinxteħed f'din l-*area*.

3.5.9 Il-*Minority Leader* għamlet referenza ukoll għall-korrispondenza nru 1454/19 bl-isem LCF/90A/2018. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din titratta fuq komunikazzjoni bejn il-kunsill u l-awtorita tal-ippjanar rigward l-iffirmar tal-kuntratt tal-fondi li ngħataw lil kunsill biex isiru xogħlijit fi parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2. Il-Kunsill għadhu qed jistenna data mingħand l-awtorita tal-ippjanar biex jiffirma l-kuntratt il-ġdid peress li kienet saret ammenda żgħira fih rigwad l-ammont ta' flus li għandhom jiġu mgħottija lil kunsill.

3.5.10 Il-Viċi Sindku għamel referenza għall-korrispondenza nru 1473/19 – *Proposal Form* Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv

għandha tiċċekja eżatt rigward x'kienet titratta fuqha din il-korrispondenza.

3.5.11 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija fuq korrispondenza nru 1464/19 – siġra mqaċċta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li b'permezz ta' din il-korrispondenza il-kunsill għamel kuntatt mal-ġardinar biex ineħħi siġra mqaċċta li ġiet irrapurtata fil-passaġġ tal-ġnien ħdejn tat-tennis. Il-Kunsill għandu jerġa jikkonferma mal-ġardinar li din is-siġra neħħieha u li qed jagħmel ix-xogħol kollu kif suppost li ġie mqabbad biex jagħmel riċentament.

## 3.6 Festa tas-Salvatur

3.6.1 Fuq il-festa, is-Sindku qal li bħala preparamenti għal dan l-avveniment jidher li kollox sejjer sew u huwa organizzat.

3.6.2 Is-Sindku qal li kien hemm tibdil żgħir fl-ispiża kkwotata mill-kuntrattur biex isir il-knis wara il-marċi. Is-Sindku qal li l-ispiża biex isir knis wara il-marċi kienet ser tqum ħafna flus lil kunsill u għalhekk ma ġietx aċċetata. Minnflokk is-Sindku ġie f'kompromess mal-kuntrattur biex dakinhar tal-marċi biss, filgħodu ma jsirx knis fir-rotot tat-toroq li jsiru is-soltu w l-kenniesa minnflokk jiġu jikinsu filgħaxija, dan dejjem wara il-marċi.

3.6.3 Is-Sur Dalli żied jgħid li l-kuntrattur tal-knis u tal-iskart ser anke jipprovdi lil kunsill bi 22 bins biex jitpoġġew fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għal jiem tal-festa kif isir kull sena. L-ispiża tal-kirja ta' dawn il-bins mhux ser tkun waħda kbira u wara li reġa tkellem mal-kuntrattur, is-Sindku rnexxilu jraħħas aktar il-prezz tal-kirja ta' dawn il-bins.

## 3.7 Ġieħ Ħal Lija

3.7.1 Apparti l-unur ta' Ġieħ ħal Lija li ngħata lis-Sagristan Aaron Cuschieri, waqt din is-seduta l-kunsill approva unanimament li jingħata ukoll dan il-Ġieħ lis-Sur Mark Scibberras.

3.7.2 Is-Sur Sciberras ser jingħata Ġieh Ħal Lija nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu, 2019, waqt il-kunċert tal-festa mtella mill-banda tal-każin San Pio X.

## 3.8 Vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv

3.8.1 Fuq is-sejħa ta' uffiċjal eżekuttiv li kienet approvata minn kunsill ieħor tul is-seba leġiżlatura, is-Sur Dalli qal li wara diversi diskussjonijiet li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv fil-jiem li għaddew, huma t-tnejn ġew fi ftehiem rigward din il-kwistjoni. Dan il-ftehiem huwa spjegat fil-punti hawn taħt.

3.8.2 L-ewwel parti tal-ftiehem jikkonsisti fi taħdida bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn is-Sindku staqsa jekk il-*part-timer* tkunx kapaċi tibda taħdem aktar minn 20 siegħa fil-ġimgħa, fejn tiżdied b'għaxar siegħat u b'hekk tibda taħdem total ta' 30 siegħa fil-ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija tkelmet mal-impjegata u din lesta li żżied 10 siegħat aktar ta' xogħol mal-kumplament li diġa għandha. Infatti s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kollu li l-impjegata kienet diġa qed tagħmel dan bi prova minn wara l-aħħar laqgħa li għaddiet (seduta nru 2). Biż-żieda ta' dawn l-għaxar siegħat diga sar daqsxejn ta' progress u bilmod il-mod qed jittella aktar xogħol li kien qed jibqa pendenti.

3.8.3 Diment li l-operat tal-uffiċċju qed jitjieb b'permezz taż-żieda ta' għaxar siegħat ta' xogħol li ngħataw lil din l-impjegata bi prova, il-membri kollha unanimament approvaw li s-siegħat tagħha jiżdiedu bl-ammont ta' 30 siegħa b'effet immedjattiv.

3.8.4 Iżda minkejja dan, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li xorta hemm bżonn ta' aktar għajnuna u l-kunsill għadhu b'nuqqas ta' impjegati, speċjalment la terġa tasal ix-xitwa. Għalhekk it-tieni parti tal-ftehiem bejn is-Sindku w is-Segretarju Eżekuttiv kien li tinħareġ sejħa għall-skrivan (skala 15) fuq bażi *part-time*.

3.8.5 Is-Sindku qal li kien hemm qbil biex fix-xitwa, l-iskrivan/a l-ġdid/a ikun/tkun mitlub/a biex jaħdem/taħdem wara nofsinhar u l-impjegata *part-time* li hemm bħalissa tibda taħdem filgħodu . B'hekk is-Segretarju Eżekuttiv dejjem ikollu lil xi ħadd miegħu jgħinu l-ġurnata kollha. Bażikament filgħodu jkollu lil l-assitent prinċipal u l-*part-timer* jgħinuh u filgħaxija jkun hemm l-iskrivan/a li jidħol jaħdem ġdid mal-kunsill.

3.8.6 Is-Sindku ta' l-idea li l-ġurnata tax-xogħol ta' nhar ta' Sibt tinħadem b'*roster* (*day in u day out*) bejn iż-żewġ impjegati *part-time*. Il-*part-timer* eżistenti (tat-30 siegħa) ser tibqa ntitolata li jkolla day off fil-ġimgħa meta

taħdem is-sibt iżda meta ma jkunx jmissha taħdem is-sibt u dan jinħadem mill-iskrivan/a l-ieħor/l-oħra, hija ma jistax ikollha day off. Is-Siegħat ta' meta ma taħdimx is-sibt iridu jiżdiedu mas-siegħat l-oħrajn ta' matul il-ġimgħa.

3.8.7 Il-Kunsill kollu unanimament approva dawn il-kundizzjonijiet u li s-sejħa ta' uffiċjal eżekuttiv (skala 13) fuq bażi *full-time* tiġi kkanċellata u minnflokk tinħareġ sejħa għall-skrivan (skala 15) fuq bażi *part-time* b'effett immedjattiv.

3.8.8 Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-dipartiment b'din id-deċiżjoni u tibda bil-proċess ta' sejħa ġdida għall-ingaġġar ta' skrivan (skala 15) fuq bażi *part-time*. Hija ser ukoll tinforma lil dik il-persuna waħda li kienet applikat għall-vakanza ta' uffiċjal eżekuttiv u tispjegala li din is-sejħa ġiet ikkanċellata skond deċiżjoni li saret mill-kunsill uffiċjalment waqt din il-laqgħa.

3.8.9 Is-sindku nforma ukoll lil kunsilliera bil-quddiem li meta jsiru l-*interviews* biex jintagħżel dan l-iskrivan/a huwa jixtieq li kulħadd ikun parti mill-bord tal-għażla, nkluż is-segretarju eżekuttiv. Pero huwa avża li jekk tkun ingħatat ġurnata biex isiru l-*interviews* u għal xi raġuni jew oħra xi ħadd mill-kunsilliera ma jkunx jista jattendi, mhux ser tinbiddel il-ġurnata u l-*interviews* isiru xorta waħda.

## 3.9 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

3.9.1.1 <u>*Update* rigward SPI/SCI/12/2019 – Skema Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil kunsilliera li fis-seduta li għaddiet huma approvaw li l-kunsill japplika għal din l-iskema. Hija staqsiet lil kunsilliera jekk ġewx fi qbil fuq stawta/monument partikulari li għandu bżonn restawr. L-applikazzjonijiet jagħlqu fi 30 ta' Awwissu.

3.9.1.2 Il-Kunsillier Calcedonio Cini ppropona li l-kunsill japplika għar-restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl. Il-Minority Leader Lorraine Farrugia mill-ewwel issekondatu u l-kunsill kollu qabel unanimament fuq dan ukoll. Din l-istatwa għandha bżonn kbir ta' restawr.

3.9.1.3 Is-segretarju eżekuttiv qalet li hija diġa bdiet taħdem fuq din l-applikazzjoni u talbet lil kunsilliera għall-għajnuna biex jagħtuha nformazzjoni fuq ir-relevanza artistika u l-istat ta' din l-istatwa. Mingħajr din l-informazzjoni l-applikazzjoni mhux ser tkun kompluta. Is-Sur Cini ser jiprova jħib din l-informazzjoni għall-attenzjoni tas-segretarju Eżekuttiv mingħand persuna partikulari wara l-festa.

3.9.2.1 <u>*Update* rigward kwotazzjonijiet AC u MFP A3</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsill akkwista 3 kwotazzjonijiet kemm għal *aircondition* u kif ukoll għal kiri ta' *multi functional printer* A3. Hija nfurmat lil kunsilliera bil-prezzijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet u qalet li ser tiproċedi bl-irħas kwotazzjoni għaż-żewġ affarijiet.

3.9.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan u ta approvazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv biex tmexxi bl-irħas kwotazzjonijiet.

3.9.3.1 <u>Ħarġa Gozo by night</u>
Is-Sindku ta *update* fuq il-ħarġa ta' Għawdex fejn fakkar li din ser issir fi 30 ta' Awwissu. Huwa ġab *deal* tajjeb mingħand il-*Cornucopia hotel* għal *buffet*. Apparti s-serata bil-*buffet* ser issir *cultural visit* madwar iċ-Ċittadella u l-Viċi Sindku għandu jieħu ħsieb li jsib gwida bil-liċenzja biex dakinhar iddawar lin-nies hi.

3.9.3.2 Il-prezz għal kull persuna ser ikun ta' €25 u dan jinkludi biss il-*buffet* u t-trasport. Kull minn jattendi jrid jħallas in-noll tal-vapur apparti dak il-ħin.

3.9.3.3 Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjien ser isir *flyer* bl-informazzjoni kollha marbuta ma' din il-ħarġa u għandu jintbgħat fid-djar kollha lir-residenti. Residenti għandhom ċans jibbukjaw sa ġimgħa qabel u m'hemmx limitu ta' kemm jistgħu jattendu nies u t-trasport għandu jkun ibbukjat skond l-ammont ta' kemm jattendu nies.

3.9.4.1 <u>Cir AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-sessjoni ta' taħriġ għall-membri eletti 14/09/2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda *email* mibgħuta mill-AKL, kopja ta' din l-email intbgħatet lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Hija qrat din l-*email* u spejgat lil kunsilliera kif AKL qed joffri sessjoni ta' taħriġ għall-kunsilliera eletti ġodda. Dan it-taħriġ ser ikun fuq demokrazija lokali, governanza u l-prinċipji ta' ħajja pubblika. B'permezz ta' dan it-taħriġ l-membri eletti għandhom jħossuhom aktar kunfidenti u jtejbu l-operat tagħhom u għalhekk kull min huwa nteressat għandu ċans jirreġistra għal dan it-taħriġ sa 30 ta' Awwissu. Id-data tat-taħriġ ser tkun is-Sibt 14 ta' Settembru, 2019.

3.9.4.2 Ingħatat konferma li ser jattendu żgur għal dan it-taħriġ is-Sindku, Is-sur Anthony Dalli u l-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsilliera Joseph Zahra u Calcedonio Cini qalu li aktarx ma jistgħux jattendu u l-Viċi Sindku aktarx ikun msiefer u ser jikkonferma l-attendenza tiegħu aktar il-quddiem.

3.9.5.1 Cir AKL 2019/071 - Fondi LESA għall-attivitajiet w inizjattivi kulturali u soċjali

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-AKL fasslu linji gwida rigward fondi li kull kunsill ingħata mill-aġenzija LESA. L-iskop ta' dawn il-fondi u linji gwida huma biex jgħinu lir-Reġjuni flimkien mal-kunsilli Lokali sabiex jippjanaw proġetti u inizjattivi li minnhom jistgħu jibbenifikaw ir-residenti. Dawn il-proġetti jistgħu jkunu nnovattivi jew inkella biex itejbu faċilita eżistenti. Anness ma' dawn il-linji gwida hemm lista ta' kategoriji ta' proposti eliġibbli għal dan il-fond li kull kunsill jista jagħżel minnhom skond x'jixtieq iwettaq fil-lokal rispettiv tiegħu. Kopja ta' din iċ-ċirkulari flimkin ma' din il-lista intbagħtet lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

3.9.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-lista ta' kategoriji ta' proposti eliġibbli biex il-kunsill wara jiddeċiedi liema proposta jixtieq iwettaq u japplika għaliha fl-interess tal-lokali.

3.9.5.3 Is-Sindku qal li l-kunsill ta' Ħal Lija ġie mgħotti l-ammont ta' fondi ta' €3,085.96 u qed jissuġġerixxi li bihom jinbidlu il-fanali tar-raħal bilmod il-mod. Dan għaliex hemm bżonn li ndawlu aktar ir-raħal kollu.

3.9.5.4 Il-Kunsill kollu qabel fuq dan unanimament u is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja kemm jiswew bejn wieħed u ieħor fanali bħat-tip li saru f'Ħal Balzan u nimxu minn hemm.

3.9.6.1 Inventarju tal-Kunsill u skema ma' MEDE ta' ingaġġar ta' studenti biex isir dan ix-xogħol

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-aħħar laqgħa tal-kunsill ġie deċiż li jsir inventerju kif suppost ta' l-affarijiet kollha li hawn fl-uffiċċju. Is-sindku kien kellem lil *accountant* fuq dan u l-*accountant* issuġġeriet li l-kunsill għandu jiċċekja u jara jekk jistax japplika għall-iskema ta' ingaġġar ta' studenti għal *summer work*. Naturalment l-istudent li jkun ingaġġat minn din l-iskema għandu jkun imqabbad biex jagħmel dan l-inventarju.

3.9.6.2 Is-Sindku qal li s-segretarju eżekuttiv għamlet tfittxija rigward din l-iskema u sabet li jekk irid il-kunsill għadhu fil-ħin biex japplika għal din l-iskema. Infatti is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li din l-iskema tiġi offruta mill-MEDE. Kull ma jrid jagħmel il-kunsill huwa li jimla l-applikazzjoni meħtieġa u jindika kemm irid studenti u f'liema perjodu jixtieq li dawn l-istudenti jkunu ingaġġati. Il-kunsill ġie nfurmat li kull student irrid jitħallas bir-rata ta' €6.50 fis-siegħa u jaħdem 80 il-siegħa mal-kunsill mifruxa fuq total ta' erbgħa ġimgħat. Kull student huwa intitolat għal 7 siegħat *leave, sick leave*(2 tijiem *full pay* u 2 tijiem *half pay*) u apparti l-paga l-kunsill irid itih *bonus* u *income supplement* ta' €19.71.

3.9.6.3 Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan u approva li timtela applikazzjoni għal ingaġġar ta' student wieħed bejn il-perjodu tad- 19 ta' Awwissu u it- 13 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tissottometti applikazzjoni ma' MEDE.

3.9.7.1 Laqgħa tal- lokalita'

Is-Segretarju tal-Kunsill ġibdet l-attenzjoni tal-kunsilliera fuq il-laqgħa tal-lokalita. Hija infurmathom li sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tal-operat ta' leġiżlatura, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma tal-kunsill.

3.9.7.2 Hawnhekk is-sindku qal li l-aktar data tard li tista issir din il-laqgħa hija sal-laħħar ta' Settembru. Qal ukoll li alissa għadhu kmieni biex jiddeċiedu fuq data partikulari u jekk filkas jiddiskutu dan fil-laqgħa li jmiss. Il-kunsill unanimament qabel li jsir hekk.

3.9.8.1 Disinji Concrete imprint- Triq Preziosi sqaq nru 2

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda set ta' ritratti bi diversi disinju ta' concrete imprint. Dawn bgħathom il-kuntrattur li ħa it-tender għax-xogħlijiet tal-concrete imprint f'parti minn Triq Preziosi sqaq nru 2. Dan bgħathom bhala eżempji biex il-kunsill jagħżel disin partikulari għal dan l-isqaq.

3.9.8.2 Is-sindku qal li d-disin tal-imprint għandu jsir simili għad-disin tal-imprint li kien sar fi Triq id-Dejqa. Infatti huwa qal li meta huwa u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-kuntrattur ħaduh fi Triq id-Dejqa biex juruh it-tip ta' imprint li kien sar u qalulu li l-kunsill irid li ta' Triq Preziosi sqaq nru 2 isir bl-istess mod.

3.9.8.3 Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera kien hemm qbil biex id-disin tal-imprint fi Triq Preziosi sqaq nru 2 isir bħar-ritratt numru 6. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lil kuntrattur b'dan u tikkonferma mal-perit li dan it-tip ta' imprint huwa non-slippery.

3.9.9.1 <u>Servizz ta' depositu fil-banek</u>

Is-Sindku tkellem fuq id-depositu tal-flus tal-kunsill lokali u qal li bħalissa dan is-servizz qed issir mill-ħaddiema tal-kunsill. Dan ma jistax ikun issir aktar b'dan il-mod u l-kunsill għandu japplika għall-servizz aħjar u kull tip ta depositu għandu jibda jinġabar bi cash van ta' depositu apposta u kif suppost.

3.9.9.2 Is-sindku qal li dan is-servizz għandu jiprovdi aktar sigurta għall-ħaddiema għax bħalissa peress li jmorru huma bihom by hand dejjem hemm ċans li jattakahom xi ħadd li jaħseb li qed jġorru ammont ta' flus kbar.

3.9.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv esiġiet li l-importanti li jsiru deposits darbtejn fil-ġimgħa għax l-awdituri dejjem hekk sostnu li għandu jsir. Is-Sindku qal li filkas il-cash van jiġbor il-flus darba fil-ġimgħa u l-ħaddiema darb oħra fl-istess ġimgħa jiddepożitaw ic-cheques biss u b'hekk ikun sar deposit darbtejn fil-ġimgħa.

3.9.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sistema tad-deposits ma tistax taħdem hekk u ma tistax tiddeposita cheques u flus għalihom speċjalment tal-LES. Qas li kieku din tista ssir il-kunsill ma tantx jirċievi ħlas mingħand in-nies bi cheque. 99% tal-ħlas isir bi flus. Barra minn hekk hija qalet ukoll li l-ħaddiema jridu li ma jibqgħux iġorru r-responsabbilta li jagħmlu deposits huma kemm jekk id-deposits jikkonsistu fi flus jew cheques. Huma jridu li l-cash van jieħu kollox hu darbtejn fil-ġimgħa.

3.9.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha ġġib tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz u kif tirċievi kollox dawn għandhom jiġu ċċirkulati lil kunsilliera biex imexxi bl-irħas. Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan.

3.9.10.1 <u>Ritratt ta' ħofra imressaq mill-Viċi Sindku Daniel Mallia</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-kunsilliera, ritratt ta' toqba kbira fi Triq Annibale Preca li ġie meħud mill-Viċi Sindku. Is-Sindku qal li jidher li ma hemm xejn kbir xi jrid isir u din il-ħofra ser titniżżel mal-lista ta' xogħlijiet ta' manutenzzjoni li għandu l-kunsill biex issir fil-jiem li ġejjien.

3.9.10.2 Inkonnesjoni ma' dan, is-sindku qal li bħalissa l-kunsill m'għandu l-ebda tender ta' manutenzzjoni tal-bankini, toroq u *hot patching* estensiv. Huwa qal li huwa mportanti li dan it-tender jinħareġ biex jekk jinqala xi ħaġa urġenti kemm naqbdu u ngħidu lil kuntrattur u mhux noqgħodu nġibu tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill unanimament approva dan u s-Segretarju Eżekuttiv għandha taħdem fuq dan it-tender.

3.9.11.1 <u>Talba imressqa mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia rigward parkeġġ fejn il-kappella ta' San Pietru</u>

Il-*Minority Leader* spjegat li s-sorijiet għandhom kaxxa safra n-naħa fejn joħorġu l-anzjani fil-ġenb in-naħa ta' Bonaci u għandhom anke kaxxa oħra safra fl-area ta' quddiemhom ta' fejn hemm il-bieb prinċipali. Hija trid tkun taf jekk kienx ingħata permess minn Transport Malta biex saret il-kaxxa safra li hemm quddiem il-bieb prinċipali. Dan għaliex residenti qed jilmentaw li s-sorijiet ħadu kaxxa oħra ta' parkeġġ u anke għamlu karta mal-bieb biex ħadd ma jipparkjalhom minkejja li m'hemmx garaxx u kull ma hemm l-entratura tal-bieb.

3.9.11.2 Is-Sindku qal li rridu noqgħodu attenti u naħsbu sew qabel ma tittieħed azzjoni għaliex minn naħa waħda s-sorijiet għandhom aċċess għall-kunvent u minn naħa l-oħra għandhom l-entratura tal-home fejn anke għandhom persuni bil-*wheelchair*. Huwa tal- idea li alissa l-kunsill jiċċekja ma' TM rigward il-fatt jekk dawn il-kaxxi sofor sarux bl-awtorizzazjoni tagħhom. Il-Kunsill kollu qabel li jsir hekk u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja rigward dan.

3.9.12.1 <u>Talba mressqa mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia fuq ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Mitħna kantuniera mat-triq ta' Halmann</u>

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia spjegat li hemm għalqa f'din it-triq, u l-ħajt ta' din l-għalqa ta' spiss jaqa. Hija qalet li s-sid ta' din l-għalqa dejjem reġa tellaw il-ħajt meta waqa iżda dejjem jieħu x-xhur biex jagħmel dan. Żiedet tgħid li fil-kunsill l-ieħor kien ġie diskuss li nibgħatu lil TM fejn insaqsuhom jekk jistgħux jieħdu parti minn din l-għalqa mqarr parti żgħira mill-kantuniera u titwessa it-triq.

3.9.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li din il-proposta vera kienet ġiet diskussa fi kunsill ieħor u hija nfatti kienet bgħatet dawn iż-żewġ proposti ta' twessar ta' toroq lil Transporta Malta. Waħda mill-proposta kienet propju din li tkelmet fuqha s-sinjorina Lorraine Farrugia u l-oħra biex titwessa Triq Annibale Preca il-parti ta' fejn hemm il-bio Technology Centre.

3.9.12.3 Fuq dan il-kunsill qabel li ssir follow up ma' TM rigward dawn il-proposti peress li l-kunsill qatt ma rċieva risposta lura.

3.9.12.4 Is-Sindku tkellem fuq xi ħaġa oħra li hemm bżonn issir fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Ħalmann. Huwa qal li riċentament f'din l-akwata kien ġara aċċident għax daħal trakk kbir, laqat ħajt ta' għalqa u baqa sejjer. Is-

Sindku kien infatti għamel rapport l-għassa biex is-Sid jerġa jtella dan il-ħajt. Is-Sur Dalli żied jgħid li parti minn dan l-aċċident ġara għaliex it-tabella li hemm biex ma jidħlux trakkijiet qiegħda l-ġewwa u ma tidirx. It-Tabella eżistenti li hemm trid toħroġ aktar il-barra lejn il-bidu tat-triq u barra minn hekk tiżdied oħra fuq in-naħa l-oħra ħalli jkun hemm żewġ tabelli. Il-kunsill approva li jsir dan.

3.9.13.1 <u>Ilmenti rigward tat-Tennis Klabb</u>

Bosta residenti ressqu l-ilmenti tagħhom rigward storbju li jiġi kkawżatt mill-membri tat-tennies klabb filgħodu. Dawn qed jibdew jilgħabu t-tennis kmieni ħafna qabel il-ħin tal-ftuħ u qed joħolqu nkonvenjza għar-residenti li jgħixu fil-viċinanzi.

3.9.13.2 Is- Sindku ser jagħmel kuntatt personali ma' tat-tennis klabb rigward dan.

3.9.14.1 <u>Ittra mingħand resident</u>

Il-Kunsill irċieva ttra mingħand resident li għandu ħanut f'Ħal Lija u qed jagħmel talba biex quddiem il-ħanut issir kaxxa *loading and unloading* ħalli jagħmlu użu minnha t-trakkijiet li jġibulu x-xogħol.

3.9.14.2 Is-Sindku jidirlu li biex tkun tista issir *loading and unloading bay*, fiż-żona fejn din issir irid ikun hemm mill-inqas sitt ħwienet fil-viċinanzi ta' xulxin. Minkejja dan il-kunsill xorta ser jiprova jgħin lir-resident u approva li napplikaw għal din il-kaxxa ma' TM. Ir-Resident għandu jkun infurmat b'dan.

3.9.15.1 <u>Email mingħand Angel's Touch hairdresser</u>

Is- Sindku qara email li ġiet mibgħuta mingħand il-*hairdresser* ta' Triq Annibale Preca. F'din l-ittra l-*hairdresser* qed tistqarr li triq Annibale Preca vera saret triq perikoluża u traffikuża mmens. Hija qiegħda titlob biex isiru żewġ U-bars quddiem il-bieb tal-ħanut tagħha biex ikun hemm aktar sigurta.

3.9.15.2 Is-Sindku qal li l-aħjar imur jagħmel spezzjoni ta' dan fuq il-post.

3.9.16.1 <u>Email rigward parkeġġ u charging pillar li hemm fi Triq Ġ.Barbara</u>

Is-Sindku qara email li ġiet mibgħuta mingħand residenta rigward il-problema ta' parkeġġ li hemm fejn *iċ-charging pillar* ta' Triq G.Barbara. Din ir-residenta qed tgħid li l-karozza li tkun ipparjakata fil-parkeġġ l-abjad li hemm angolat biswit il-parkeġġ tac-*charging pillar* ma tkunx tista toħroġ meta jkun hemm xi karozza tal-eletriku tiċċarġja.

3.9.16.2 Is-Sindku qal li l-aħjar imur fuq il-post u jara eżatt x'jista jsir, forsi tista tiċċaqlaq daqsxejn il-kaxxa tal-parkeġġ.

3.9.17.1 <u>Talba fi triq Carmelo Farrugia għal tabella biex karozzi jipparkjaw bi silencers il-barra</u>

Residenta li toqgħod fi Triq Carmelo Farrugia qed titlob biex isir tabella vicin ta' dar nru 57 li tgħid li l-karozzi għandhom jipparkjaw bis-silencers il-barra. Dan għaliex din ir-residenta għandha t-tieqa eżatt mal-bankina u meta karozzi jipparkjaw bi silencers il-gewwa timtela bl-exhaust.

3.9.17.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u ghandu japplikaw ma' TM. Ir-residenta ghandha tigi nfurmata.

3.9.18.1 <u>Talba għal sleeping policeman fi Ħalmann Area fejn iċ-ċimiterju tal-Abbati</u>

Resident qed jagħmel talba għal sleeping policeman fi Ħalmann Area fejn iċ-ċimiterju ta' l-abbati għaliex kemm ilha li saret it-triq bit-tarmac il-karozzi qiegħdin jgħaddu b'speed vera qawwi. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li f'dik l-area konna diġa applikajna għal wahda pero TM ma tax approvazzjoni biex jekk filkas nerġgħu niprovaw napplikaw għaliha wkoll flimkien mat-talba ta' dan ir-resident.

3.9.18.2 Fuq dan l-ilment is-sindku qal li ser ikellem lil TM biex jiġi rapreżentant *on-site* jara l-gravita tas-sitwazzjoni u jtina parir ta' fejn l-aħjar tista ssir sleeping policeman f'din it-triq. Jsir dak li hemm bżonn fuq il-parir ta' TM.

3.9.19.1 <u>Talba biex jitneħħa parking jew MC Bay fi Triq G.Cali</u>

Resident ftit ta' xhur ilu kien għamel talba mal-Kunsill biex jew jitneħħa l-parkeġġ li hemm faċċata ta' l-entratura tal-garaxxijiet fi Triq Giuseppe Cali jew il-parkeġġ li hemm tal-*motorcycle bay* fil-ġenb ta' l-istess entratura dan għaliex ma jkunux jistaw joħorġu mill-garaxxijiet. Il-Kunsill kien mar fuq il-post pero ma kienx hemm deċiżjoni dwar dan.

3.9.19.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sindku li fuq dan l-ilment kienu marru fuq il-post hija u l-*minority leader* fiż-żmien tal-kunsill l-antik. Kienu saru xi linji bl-*ispray*. Il-*Minority Leader* qalet li hemm mod kif ma jitneħħa xejn u dan billi jiċkien ħarira l-parkeġġ li hemm ma' ġenb l-entratura tal-garaxx. Fil-kunsill l-antik hija kienet

issuġġeriet li jsir dan pero l-ħaddiema tal-kunsill ma riedux jagħmlu dan.

3.9.19.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-linji ma sarux mill-ħaddiema mhux għax ma riedux iżda għaliex kien ġie ssuġġeriet biex f'dik it-triq kemm jista jkun ma jinbidel xejn mis-sinjali ta' mal-art. Fil-passat f'dik it-triq kien hemm kwistjoni vera taħraq u ma sar xejn biex ma terġax tqum rewwiexta oħra. Barra minn hekk is-sindku ta' dak iż-żmien kienet ħadet deċiżjoni finali biex ma jsir xejn anke minħabba l-fatt li l-kunsill kien wasal fit-tmiem tal-leġiżlatura u mhux suppost li kien f'pożizjoni li jieħu aktar deċiżjonijiet bħal dawn.

3.9.19.4 Is-Sindku qal li l-aħjar imorru fuq il-post huwa u s-segretarju eżekuttiv u jiddeċiedu x'għandu jsir wara li jagħmlu dan.

## 3.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

3.10.1.1 <u>Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart għal perjodu Jannar-Ġunju 2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill it-tieni Rapport Finanzjarju ta' kull kwart minn Jannar sa Ġunju 2019, kif ġie ppreparat mill-accountant tal-Kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport ingħatat lil kull kunsillier. Is-Segretarju Eżekuttiv tat deskrizjoni żgħira fuq dan ir-rapport finanzjarju.

3.10.1.2 Minn Jannar sa Ġunju 2019, bħala dħul b'kollox kien hemm valur ta' €161,097. Il-Kunsill kellu nefqa totali ta' €132,247 u għamel profitt ta' €28,850. L-FSI huwa mmarkat 66%. Mill-ammonti kollha li hemm imniżżlin f'dan ir-rapport jidher fiċ-ċar li l-Kunsill bħala finanzi qiegħed fi stat tajjeb ħafna.

3.10.1.3 Dan ir-Rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.10.2.1 <u>Minuti rigward il-laqgħa mar-residenti fuq it-traffiku fi Triq Annibale Preca</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazjoni tal-kunsill il- minuti li saru fuq il-laqgħa li saret mar-residenti rigward il-problema tat-traffiku fi Triq Annibale Preca. Kopja ta' dawn il-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

3.10.2.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-minuti.

3.10.2.3 Hawnhekk il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia kellha mistoqsija waħda u staqsiet lis-Sindku jekk kienx għamel kuntatt ma' Transport Malta biex jiddiskuti dak kollox li ħareġ waqt il-laqgħa li saret mar-residenti. Is-sindku weġibha li għadhu ma għamilx kuntatt ma' TM pero ser ikellem lis-Sur Michael Cohen fil-jiem li ġejjien.

3.10.3.1 <u>Approvazzjoni tat-Tender għas-servizz tal-knis - Kundizzjonijiet</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet fuq it-tender tal-knis li ġiet approvata fis-seduta li għaddiet. Minkejja li l-ħruġ ta' din it-tender kien ġie approvat reġgħat ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill fejn fakrithom biex jiddeċiedu fuq il-kundizzjonijiet /rekwiżiti li ser jorbtu ma' din it-tender.

3.10.3.2 Hawnhekk saret diskussjoni estensiva rigward il-kundizzjonijiet ta' xogħol u r-rekwiżiti li l-kunsill ser jorbot mas-servizz tal-knis.

3.10.3.3 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-kunsill jitlob għal kennis wieħed li jaħdem 40 siegħa fil-ġimgħa. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa jaħdem minn 7:30am-14:30pm u s-Sibt jaħdem minn 7:30am sa 12:30pm. Fi żoni urbani, l-Knis għandu jsir kullimkien fit-toroq kollha inkluż qtugħ ta' ħaxix, tbattil tal-bins kollha u tindif tal-ħmieġ tal-annimali.

3.10.3.4 Il-kunsill ser jinkludi wkoll talba għal knis addizzjonali ġo kwalunkwe triq *per day,* dan dejjem jekk ikun hemm bżonn.

3.10.3.5 Il-Kunsill anke ser jistipula li l-ħaxix fi żoni non-urban, eżempju Ħalmann, irrid jinqata darba kull xahrejn.

3.10.3.6 Is-Sindku qal li jrid ikun hemm ukoll kennis ieħor għal jumejn (7 siegħat għal kull ġurnata) biex jiknes il-pjazza, Vjal it-Trasfigurazzjoni, il-Ġnien Ċentru Rikreattiv u l-Ġnien tal-Mirakli. Huwa qed jissuġġerixxi li dawn il-jumejn ikunu t-Tlieta u is-Sibt.

3.10.3.7 Il-Kunsill kollu unanimament qabel fuq dawn il-kundizzjonijiet/ rekwiziti u s-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel l-ammendi meħtieġa fid-dokument tat-tender.

3.10.4.1 **Approvazzjoni tat-Tender għas-servizz ta' Perit**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill dokument ta' tender għas-servizz ta' perit. Dan it-tender hemm bżonn jinħareġ mill-ġdid peress li t-tender eżistenti ser tiskadi fi Settembru. Kopja ta' dan id-dokument tat-tender intbgħatet lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Dan biex jilħqu jarawh u jekk hemm xi tibdil jew punti addizzjonali li jixtiequ jżiedu jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia kienet l-unika waħda li kkummentat fuq dan id-dokument, fejn dawn il-kummenti ġew ikkunsidrati.

3.10.4.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva l-ħruġ ta' tender ġdid għas-servizz ta' Perit. Dan it-tender l-ewwel għandu jintbgħat għall-approvazzjoni tad-dipartiment u kif ikun approvat jitella fuq is-sistema tal-EPPS.

3.10.5.1 **Approvazzjoni tat-Tender għas-servizz u manutenzzjoni ta' sinjali tat-traffiku u tabelli**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill dokument ta' tender għas-servizz u manutenzzjoni ta' sinjali tat-traffiku u tabelli. Dan it-tender hemm bżonn jinħareġ mill-ġdid peress li t-tender eżistenti ser tiskadi fi Settembru. Kopja ta' dan id-dokument intbgħatet lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Dan biex jilħqu jarawh u jekk hemm xi tibdil jew punti addizzjonali li jixtiequ jżiedu jinfurmaw lis-segretarju Eżekuttiv. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia kienet ukoll l-unika waħda li kkummentat fuq dan id-dokument, fejn dawn il-kummentiġew ikkunsidrati.

3.10.5.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva l-ħruġ ta' tender ġdid għas-servizz u manutenzzjoni ta' sinjali tat-traffiku u tabelli. Dan it-tender l-ewwel għandu jintbgħat għall-approvazzjoni tad-dipartiment u kif ikun approvat jitella fuq is-sistema tal-EPPS.

## 3.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

3.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 8/19 li tinkludi l-ammont ta' €83.00 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

3.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kif ukoll il-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kienu ssekondati mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

3.11.3 Wara li ġew approvati l-ispejjes kollha tal-kunsill is-Sindku xtaq jitkellem fuq spiża oħra li kien ġab kwotazzjoni għaliha dakinhar stess mingħand il-kumpanija ESS. Is-Sur Dalli qal li din il-kwotazzjoni li ġab bi *discount* tajjeb, titratta fuq tibdil ta' 20 bozza fil-pjazza. Għall-għoxrin bozza minn prezz ta' €525.10, il-kunsill ingħata *discount* ta €330 *inc VAT*. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni u għandu jsir kuntatt ma' ESS biex jiġu ordnati dawn il-bozoz u wara l-festa fis-7 ta' Awwissu l-kunsill għandu jghid lil kuntrattur tad-dawl biex jweħħel dawn il-bozoz ġodda fil-pjazza.

## 3.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

3.12.1 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-town planner infurmat lil kunsill li fuq Ħal Lija għal din il-ġimgħa ma kienx hemm permessi ġodda tal-ippjanar u naturalment ma kienx hemm bżonn li jsiru xi reviews.

## 3.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

3.13.1 Qabel intemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera kollha jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra u hawnhekk il-kunsillier Calcedonio Cini xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-kunsill rigward il-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

3.13.2.1 Huwa qal li ftit tal-ġimgħat ilu kien ser jiġri aċċident ikrah ħafna fejn il-ġnien dan għaliex kien hemm tifel li ħarab lil ġenituri tiegħu u ħareġ jiġri mill-entratura tal-ġnien sa nofs it-triq li daqsxejn ma tajritux karozza.Għalhekk huwa qed jissuġġerrixi biex it-tlett entraturi li hemm għal dan il-ġnien jingħalqu bi grada attaposta ħalli l-kunsill jillimita aċċidenti koroh bħal dawn.

3.13.2.2 Is-Sindku qal li r-reġjun għandu nġinier li huwa nkarigat mis-safety tal-ġonna u nistgħu nqabdu lilu biex jgħin f'dan ir-rigward. Dan faċilment jista jiprovdilna gradi bil-molla biex nagħlqu l-entraturi tal-ġnien kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li dan l-inġinier tar-reġjun xogħlu huwa li jagħmel *health inspections* fil-*play areas* biss. Iżda l-kunsill xorta qabel unanimament biex isir kuntatt mal-inġinier tar-Reġjun u nistaqsuh għall-għajnuna.

3.13.3 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk kelnix risposta fuq in-*norwegian funds* u kif ukoll fuq l-arblu tal-go fi Ħalmann. Is-Sindku infurmaha li risposta fuq in-*norwegian funds* għadt ma kellux. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil *Minority leader* li rigward l-ilment fuq l-arblu mawweġ tal-go, il-kunsill għadhu qed jiġri wara il-kuntrattur tal-go biex dan jiġi rranġat.

3.13.4 Il-*Minority Leader* staqsiet ukoll lis-sindku rigward il-fatt jekk għandux feedback fuq il-latrina li suppost qiegħda hemm biex jagħmlu użu minnha nies bi diżabbilta. Is-Sindku qal li dakinhar stess iltaqgħa mal-kuntrattur tal-latrini. Din il-latrina qiegħda fi stat ħażin ħafna u barra minn hekk din il-latrina qed tintuża bħala *store.* Fiż-żmien li ġej il-kunsill għandu tir biex din il-latrina titranġa u tkun aċċessibbli għal nies bi diżabbilta.

3.13.5 Il-*Minority Leader* għamlet punt żgħir fuq żewg proġetti żgħar li kellhom isiru. Hija qalet li fil-ġnien tal-Mirakli kien hemm proġett li jsir *pond* u fil-ġnien Ċentru Rikreattiv kien hemm xi ħadd lest jagħmel *dog/cat village/park* bi *sponsership.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward il-*pond* ser issir *follow up* mal-persuna li ħareġ bl-idea ta' dan il-proġett pero rigward id-*dog/cat village/park* hija m'għandix kuntatt tal-persuna li offra biex jagħmel dan. Barra minn hekk il-Viċi Sindku għamel rimarka fejn qal li m'hemmx post adekwat fejn isir *dog village* jew *cat park* fil-ġnien u ma jistax jimmaġina fejn dan jista jsir.

3.13.6 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

3.13.7 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 22 ta' Awwissu 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 22 ta' Awwissu, 2019.

IFFIRMATA

Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA

Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv